## ~~KUNTRASTI~~

~~*Is-sejħa għalija*~~
~~*titkebbes ġo fija*~~
~~*wisq iktar qawwija*~~
~~*x'ħin frugħa dinjija*~~
~~*bil-qrusa mimlija*~~
~~*taħbat tagħmel bija.*~~

~~*Għaliex mhux għalija*~~
~~*dak li jgħodd għal ħija,*~~
~~*dak li jgħaxxaq mija,*~~
~~*jew jekk mhux tbennija*~~
~~*talanqas tnessija;*~~
~~*għaliex le għalija?*~~

~~*Jekk din mhix twissija*~~
~~*lil qalbi żonqrija*~~
~~*biex tinża' l-kburija,*~~
~~*tas-sema turija*~~
~~*l-Imħabba fejn hija:*~~
~~*– Jeħtieġ tinbet fija –*~~

~~12.ix.64~~ ~~VANNI SANT~~

## LILL-POETA GIACOMO LEOPARDI...

*Poeta, inħobbok,*
*għax kiebi:*
*naf, ma jaqblux ma' ħsiebi*
*id-dmugħ imnikkta*
*ta' Qtiegħ il-jies w id-diq*
*għammieq*
*ta' qalb bla tama...*
*Inħobbok għax għannejt,*
*o Leopardi,*
*għannejt tal-masġar,*
*u ta' l-għoljiet ħadrana,*
*tax-xmajjar w il-widien*
*il-ġmiel u l-isbuħija,*
*għannejt bid-dmugħ*
*tar-ruħ,*
*f' baħar malinkunija...*

*Għaliex, Poeta,*
*rajt il-ħolqien*
*ma rajtx Min ħalaq ġmielu?*
*Għajnejk bid-dmugħ mgħottija*
*wara l-kwiekeb moħbija*
*id-debra t'Alla*
*ma rawx, Poeta?...*
*Poeta, istrieħ,*
*jien nemmen*
*f'dal kliem ħanin, sabiħ:*
*"Hieni, hieni min jibki",*
*Naħseb li hu għalik...*

Ramle – Israel, 6.1964 P. ĠUSÈ CREMONA O.F.M.